111

**Ref tagħna: CEP/3**

2 ta' Settembru 2015

Il-Prim Ministru
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Auberge de Castille
Valletta

Il-Kap tal-Oppożizzjoni
Dar Ċentrali
Triq Herbert Ganado
Pietà

Għażiż Prim Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni

Bħalissa l-proċess ta' diskussjoni dwar l-abbozzi tal-liġijiet li għandhom x'jaqsmu mad-*demerger* fil-MEPA jinsab wieqaf sakemm jerġa' jiltaqa' il-Parlament.

Bħala parti minn dan il-proċess kien hemm ammont sostanzjali ta' kritika dwar kif ser tiġi strutturata l-Awtorità tal-Ippjanar, li ser tieħu r-rwol fis-settur tal-ippjanar li kellha l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Din il-kritika kienet l-aktar immirata lejn dak li ġie interpretat bħala pass kbir lura fil-livell ta' trasparenza, kontabilità u aċċess għal skrutinju min-naħa tal-pubbliku.

Jiena ukoll naqsam dan it-tħassib espress minn sezzjoni wiesgħa tas-soċjetà, kemm min-naħa tal-għaqdiet mhux governattivi kif ukoll mill-pubbliku in ġenerali.

Minn mindu twaqqfet l-Awtorità tal-Ambjent li wara saret l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar, kien hemm sforz kontinwu sabiex isir titjieb fil-livell ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku kif ukoll li l-Awtorità tkun aktar miftuħa għal skrutinju pubbliku fix-xogħol kollu li tkun qiegħda twettaq.

L-abbozzi li qegħdin jiġu diskussi jnaqqsu ferm minn dawn iż-żewġ elementi. Hemm bżonn għalhekk li jsiru emendi fl-abbozzi sabiex din il-problema tiġi indirizzata.

Għalhekk ħassejt li huwa mument tajjeb li inżid il-kummenti tiegħi dwar dawn l-abbozzi ma' dawk li diġà saru.

## *Id*-**Demerger** *fil-MEPA*

M'hemmx dubju li politikament dan il-proċess kien imwiegħed fil-programm elettorali tal-Gvern preżenti u għalhekk it-twettieq ta' din il-wiegħda għandu isir. Però il-proċess irid ikun immirat sabiex l-Awtoritajiet tal-Ippjanar u tal-Ambjent li ser jinħolqu permezz ta' dan il-proċess ikunu aktar effiċjenti mill-MEPA, inaqqsu l-burokrazija, u jassiguraw li l-ħidma tagħhom tissarraf f'titjib sostanzjali fil-kwalità tal-ħajja tagħna, kemm fil-kamp tal-ambjent mibni, u wisq aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent naturali.

Irid jiġi assikurat li l-ħidma taż-żewġ Awtoritajiet tkun trasparenti u tħalli lok għal skrutinju u parteċipazzjoni tal-pubbliku f'kull livell, filwaqt li jkun hemm *checks and balances* neċessarji fl-istrutturi amministrattivi u proċedurali li jaddottaw dawn l-Awtoritajiet.

Ikkunsidrat dan kollu, qiegħed nagħti l-kummenti tiegħi dwar l-abbozzi kif proposti sa llum:

## *L-Abbozz dwar l-Awtorità tal-Ippjanar*

Fil-fehma tiegħi, il-proposta qiegħda tipproponi struttura li tikkonċentra ħafna poter f'idejn ftit persuni, fejn qabel l-istruttura amministrattiva kellha l-ħidma kollha tal-MEPA f'idejn Bord wieħed kompost minn diversi persuni fejn allura l-iskrutinju u l-opportunità għal dibattitu kien ferm akbar.

Kif propost, ix-xogħol kollu tal-Kunsill Eżekuttiv ser jitmexxa prinċipalment minn ħames persuni billi l-preżenza tal-membri tal-Awtorità tal-Ambjent u tal-membru addizzjonali sejra tkun jew kundizzjonata fl-ewwel każ inkella diskrezzjonarja fit-tieni każ. Minbarra dan, il-Ministru responsabbli ser ikollu poteri wiesgħa ħafna fuq dan il-Kunsill.

Fl-opinjoni tiegħi l-membri ta' dan il-Kunsill jew almenu ċ-*Chairperson* Eżekuttiv, għandom jiġu maħtura mill-President wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni. Jekk dan ma jistax isir allura l-ħatra ta'

dawn il-membri għandha tiġi fis-seħħ biss wara li Kumitat Permanenti għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-Kamra tar-Rappreżentanti jkun approvaha.

L-abbozz jaħseb ukoll għat-trasferiment ta' uffiċjali pubbliċi għal mal-Awtorità. Dan għandu jkun limitat kemm jista jkun u l-impjieg mal-Awtorità għandu jkun wara sejħiet pubbliċi sabiex l-Awtorità tkun tista tagħżel hi min għandu jiġi impjegat magħha.

Kif ingħad qabel, skont l-abbozz l-Awtorità tal-Ambjent tista' tkun preżenti fuq il-Kunsill Eżekuttiv meta jkunu ser jiġu diskussi suġġetti partikolari biss u dan wara stedina miċ-*Chairperson* Eżekuttiv. Dan m'għandux ikun, anzi għandu jkun il-kontra billi hija l-Awtorità tal-Ambjent li għandha jkollha d-dritt li tkun preżenti u li tieħu sehem f'diskussjonijiet tal-Kunsill Eżekuttiv. Dan għandu jsir sabiex jissaħħaħ il-kunċett li kunsiderazzjonijiet ambjentali ma jieqfux biss ma' deċiżjonijiet dwar pjani u ordnijiet ta' konservazzjoni iżda għandom jiddaħħlu fit-tfassil ta' strateġiji u allokazzjoni ta' riżorsi.

Biex nieħu eżempju, trid issir bidla fis-sistemi ta' proċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' żvilupp sabiex tingħata aktar importanza għal elementi ta' tniġġiż ambjentali minħabba storbju jew dawl. Żgur li f'dan il-każ l-Awtorità tal-Ambjent trid tagħti s-sehem tagħha fit-tfassil tar-reviżjoni tas-sistema preżenti. L-istess għandu jingħad għal meta qegħdin jiġu eżaminati proposti mill-Kumitat għar-Regolamenti tal-Bini li jkunu jinkludu kunċetti ambjentali.

Huwa evidenti li l-kontribuzzjoni tal-Awtorità tal-Ambjent tmur ħafna aktar lil hinn mir-rwol tagħha kif qiegħed jiġi propost u li qiegħed jiġi meqjus minn ħafna bħala tnaqqis ipparagunat mar-rwol preżenti.

Suġġeriment ieħor li nixtieq nagħmel, u li jgħodd ukoll għall-abbozz dwar l-Awtorità tal-Ambjent, hu li t-tħejjija tar-rapport dwar l-i*State of the Environment* li huwa obbligu sew skont il-leġislazzjoni lokali kif ukoll mid-Direttivi Ewropej, ma jibqax isir mill-Awtoritajiet illi jamministraw u jiġbru l-informazzjoni, iżda li dan ix-xogħol isir minn dan l-Uffiċċju.

B'hekk ikun assigurat li dan ir-rapport jinħareġ minn sors għal kollox awtonomu u indipendenti u jgħin sabiex tissaħħaħ il-perċezzjoni pubblika dwar l-importanza li għandu jkollu l-ambjent fil-ħajja ta' kuljum tagħna u li dan qiegħed isir b'mod awtonomu u imparzjali għal kollox.

Din is-sistema diġà titħaddem f'ġurisdizzjonijiet oħra fejn il-liġi dwar l-ambjent tistabbilixxi kriterji estensivi u dettaljati ħafna dwar dak li għandu jkollu fih ir-rapport.

## *L-Abbozz dwar l-Awtorità tal-Ambjent*

Huwa fatt li fl-aħħar żminijiet, is-sezzjoni tal-ambjent ġewwa l-MEPA ma tantx ingħatat importanza, anke minħabba l-fatt li kien hemm il-proċess tad-*demerger* ippjanat. Hemm bżonn urġenti li l-istrutturi jissaħħu kemm jista' ikun malajr billi jiżdiedu r-riżorsi umani kwalifikati mgħejuna minn apparat u riżorsi materjali sabiex ilaħħqu mal-obbligi tal-pajjiż fil-qasam ta' riċerka u monitoraġġ.

Nagħmel enfasi partikolari dwar is-settur li għandu x'jaqsam mad-direttivi dwar il-ħoss fejn għad hemm ħafna xogħol xi jsir sabiex id-Direttivi jiġu implimentati b'mod effettiv.

Intenni dak li għidt fir-rigward tal-abbozz dwar l-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-għażla tal-persuni li jkunu ser imexxu l-Awtorità kif ukoll dwar it-trasferiment ta' uffiċjali pubbliċi għal mal-Awtorità. Dan għandu japplika għal din l-Awtorità ukoll sabiex tiġi enfasizzata l-awtonomija tagħha.

L-abbozz jaħseb sabiex l-Awtorità tfassal Strateġija Nazzjonali dwar l-Ambjent flimkien ma' numru ta' *policies* sussidjarji, struttura li tixbaħ il-ġerarkija ta' dokumenti li jiffurmaw il-qafas operattiv tal-Awtorità tal-Ippjanar kif proposta b'din tal-aħħar titmexxa minn l-i*Spatial Strategy for Environment and Development.*

Huwa evidenti li fit-tħaddim ta' dawn iż-żewġ Strateġiji Nazzjonali ser ikun hemm *overlapping* konsiderevoli għaliex l-aspett ambjentali fit-tifsila wiesgħa tiegħu, jaffettwa l-iżvilupp fiżiku f'kull qasam, kif diġà semmejt qabel.

M'huwiex ċar x'ser jiġri f'każ bħal dan, għaliex huwa faċli li jkollok iż-żewġ strateġiji nazzjonali f'pożizzjoni konfliġġenti fuq xi aspett ta' żvilupp propost. Għalhekk hemm il-ħtieġa illi jiġu iċċarati dawn il-punti qabel ma jibdew jitħaddmu s-sistemi proposti minn dawn l-abbozzi.

## *It-Tribunal ta' Reviżjoni għall-Ambjent u l-Ippjanar*

Għar-raġunijiet diġà espressi, il-ħatra tal-membri kollha tat-Tribunal għandha ssir mill-President wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni inkella wara li l-Kumitat Permanenti għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-Kamra tar-Rappreżentanti jkun approvahom.

Dak li jgħodd għall-membri tal-Awtoritajiet, żgur li jgħodd aktar għall-membri kollha li ser iservu f'dan it-Tribunal li skont l-abbozz, jista' jiġi maqsum f'diversi *panels*.

Huwa diffiċli li wieħed jifhem għaliex il-membri kollha jridu jkunu mħarrġa f'xi aspett ta' liġi, f'dan il-każ tal-ippjanar jew tal-ambjent. L-interpretazzjoni tal-liġi taqa' taħt il-kompetenza tal-avukat li ser jiġi maħtur għal kull *panel*. Huwa l-avukat li għandu jkollu din l-*expertise,* proprju għaliex huwa xogħlu.

Il-membri l-oħra għandom ikunu tekniċi f'oqsma differenti bħalma huma dawk ambjentali, wirt storiku u kultura, arkitettura u ippjanar, biex insemmi ftit eżempji.

Jidher li l-membri tat-Tribunal sejrin jinħatru fuq bażi *part-time* ladarba sejrin jitħallsu *honorarium* biss u mhux salarju. Huwa ħażin li Tribunal bħal dan ikun kompost minn membri li xorta ser jibqgħu jaħdmu privatament.

Ħatra tal-membri fuq bażi *full-time* tkun qiegħda tenfasizza l-importanza tax-xogħol li dan it-Tribunal ikun qiegħed iwettaq u jassigura li l-membri jkunu iffukati fuq l-appelli li jiġu ippreżentati quddiemhom.

Tribunal li jiddefinixxi u jiddeċiedi drittijiet u obbligi f'qasam daqstant importanti u sensittiv jeħtieġ li jkun igawdi l-għola grad ta' indipendenza u imparzjalità kif ukoll awtonomija sħiħa mill-Awtorità li twaqqfu.

L-esperjenza wriet li tribunal maħtur *full time* jagħti dawn il-garanziji li jnisslu fiduċja fiċ-ċittadin li l-ġustizzja mhux biss issir imma tkun qed tidher issir.

Nittama li dawn il-kummenti jgħinu sabiex il-proċess li jwassal għall-approvazzjoni ta' dawn l-abbozzi jagħti l-frott mixtieq.

Qiegħed nibgħat kopja ta' din l-ittra lill-Kumitat Permanenti għall-Ambjent u l-Ippjanar għall-informazzjoni tiegħu.

Inselli għalikom

Perit David Pace
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar